MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 113/2003

**Mary Schembri bhala kuratrici *ad litem* tal-ulied minuri Lyonn u Aidan, ahwa Marquette.**

**vs**

**Carmelo Marquette**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 3 ta’ Frar 2003 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attrici u l-konvenut huma l-genituri naturali u legali tal-minuri Lyonn Marquette illi twieled fil-15 t’April 1996 (*vide* Dok “A”) u l-minuri Aidan Marquette illi twieled fl-20 ta’ Frar 2001 (*vide* Dok “B”);

Illi l-kontendenti ma jghixux flimkien u l-konvenut m'hu qed jivversa ebda manteniment versu t-trobbija tal-imsemmija minuri;

Illi l-attrici giet ammessa ghall-beneficcju tal-ghajnuna legali (*vide* Dok "C");

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi l-konvenut huwa responsabbli bhala l-missier sabiex jivversa retta alimentari versu l-minuri wliedu Lyonn u Aidan, ahwa Marquette;

2. Tiffissa r-retta alimentari illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat li jhallas u dan skond il-mezzi tal-istess konvenut u l-bzonnijiet tal-minuri;

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici dik ir-retta alimentari fl-ammont u skond il-modulitajiet li tistabbilixxi din l-Onorabbli Qorti; u

4. Taghti kull ordni u provvediment iehor opportun sabiex il-hlas tal-alimenti effettivament jigi affetwat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa 11 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tal-22 t'April 2003 a fol. 18 fejn gie eccepit:-

1. Illi l-konvenut m'hUwiex f'pozizzjoni finanzjarja li jhallas retta alimentari versu t-trobbija u manteniment tal-atturi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 19 sa 24 tal-process.

Rat il-verbal tat-13 ta' Mejju 2003 fejn inghata digriet affidavit tal-partijiet b'terminu ta' erbghin (40) gurnata kull wiehed.

Rat in-nota tal-attrici datata 29 ta' Mejju 2003 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha stess.

Rat in-nota tal-konvenut tat-2 ta' Gunju 2003 fejn biha huwa wkoll esebixxa l-affidavit tieghu.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 t'Ottubru 2003 fejn il-konvenut iddikjara li jahdem mad-Dipartiment tad-Dwana u ghandu ntrojtu ta' bejn Lm270 u Lm280 netti fix-xahar, li minnhom ihallas manteniment ta' Lm97.75 fix-xahar lil martu. Fuq ordni tal-Qorti l-istess konvenut ipprometta li fi zmien hmistax jesebixxi dokumenti dwar l-impjieg u l-introjtu tieghu, ta' liema ghandu jghaddi wkoll kopja lill-kontro-parti.

Rat in-nota tal-konvenut Carmelo Marquette datata 13 t'Ottubru 2003 fejn permezz taghha esebixxa d-dokumenti rikjesti mill-Qorti, in sostenn tal-impjieg tieghu u l-introjtu tieghu mill-istess.

Rat il-verbal tal-25 ta' Novembru 2003 fejn deher biss Dr. Chris Cilia ghall-attrici, u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Jannar 2004.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi **l-attrici** tat ix-xhieda taghha permezz tal-procedura tal-affidavit, fejn sostniet illi:-

*"Jiena u l-konvenut Carmelo Marquette bdejna nghixu flimkien fl-1994.*

*Jiena u l-konvenut Carmelo Marquette bdejna nghixu flimkien fl-1994. Il-konvenut kont naf li huwa legalment separat. Mir-relazzjoni taghna ahna kellna zewgt itfal, Lyonn li twieled fil-15 t'April 1996, u Aidan li twieled fl-20 ta' Frar 2001. Iz-zewgt itfal gew rikonoxxuti mill-konvenuti u ghandhom kunjomu u fil-fatt fic-certifikat tat-twelid taghhom il-konvenut jidher bhala l-missier.*

*F'Mejju 2002 kienu nqalghu problemi serji bejnietna principalment ta' natura finanzjarja. Il-konvenut miz-zwieg tieghu kellu zewgt itfal u naf illi lil martu u wliedu jaghtihom manteniment ta' Lm97.97c fix-xahar. Kelli kemm inkwiet mieghu u kif ukoll ma' ommi u spiccajna biex infridna, jiena nghix ghal rasi u hu jghix ghal rasu. Naf illi kien ghamel zmien jorqod fil-karozza u peress illi huwa ma kellux mezzi biex ihallas kera u din is-sitwazzjoni kienet qed taffettwa hazin lil ibni l-kbir Lyonn li huwa 'close' hafna mal-konvenut, jiena accettajt illi jiena nibda nghix fis-sular ta' fuq filwaqt li hu jghix fis-sular t'isfel.*

*Jiena nghid illi bhala ikel u hasil kulhadd jahseb ghal rasu, filwaqt li l-kont tad-dawl u ilma u tat-telephone naqsmuh bejnietna.*

*Il-konvenut kien u ghadu jahdem bhala messaggier id-Dwana. Naf li ghandu paga ta' madwar Lm280 fix-xahar li minnhom naturalment jinqatghulu l-manteniment kif ghidt izjed 'il fuq.*

*Jiena nghix bl-assistenza socjali u nircievi Lm159 fix-xahar. Il-bzonnijiet tat-tfal niehu hsiebhom jien ghalkemm f'kaz ta' bzonn estrem gieli ghinni xi ftit il-konvenut."*

Illi min-naha tieghu, **il-konvenut Carmelo Marquette w**koll permezz tal-affidavit xehed illi:-

*"Jiena zzewwigt lil Maria Lourdes Olivia fit-3 ta' Gunju 1982. Matul il-hajja matrimonjali kellna iben Adrian li*

*twieled fit-12 ta' Novembru 1988 u tifla Rodienne li twieldet fl-4 ta' Gunju 1983. Fl-10 t'Ottubru 2003 permezz ta' digriet moghti mill-Onorabbli Qorti Civili Prim' Awla, liema digriet jinsab fl-atti tal-kawza fl-ismijiet* ***"Maria Dolores Marquette vs Carmelo Marquette", citazzjoni numru 630/94,*** *jiena u marti Maria Lourdes ersaqna ghall-pubblikazzjoni ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Cachia Zammit.*

*Sussegwentement jiena u l-attrici Mary Schembri bdejna nghixu flimkien. Kont gja' ottjenejt is-separazzjoni u kont nixtieq li ngawdi familja kif fuq kollox kont xtaqt li jkolli meta zzewwigt. Ma' l-attrici deherli li kont nista' nilhaq dan il-ghan u fil-fatt kif ghidt bdejna nghixu flimkien. Fil-15 t'April 1996 kellna l-ewwel iben li semmejnih Lyonn Marquette u fl-20 ta' Frar 2001 twieled it-tieni iben li semmejnih Aidan Marquette.*

*Certament b'zewgt itfal l-ispejjez kibru u mill-paga tieghu jiena gja' kont kommess li nhallas ghall-manteniment ta' mitt lira (Lm100) fix-xahar fir-rispett ta' marti u wliedi skond il-kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq imsemmi. Ghalhekk l-ispejjez bdew jizdiedu b'zewgt itfal ohra u dawn l-ispejjez wasslu sabiex ikun hemm dizgwid bejni u l-attrici minhabba l-problemi finanzjarji li bdew jinqalghu. Dan id-dizqwid wassal sabiex jiena u l-attrici ma nibqghux nghixu flimkien u kelli nhalli l-fond u nfittex li nghix band'ohra. Bdejt norqod fil-karozza tieghi u sabiex ninhasel u nbiddel kont immur ghand hbieb tieghi. Din is-sitwazzjoni ma flahthiex aktar u ghalhekk fittixt li naghmel arrangamenti ma' l-attrici billi ma stajtx inhallas kera ta' xi fond iehor.*

*Ma' l-attrici wasalt fi ftehim li jiena noqghod fis-sular t'isfel tal-fond u ta' dan nikkontribwixxi billi nhallas nofs il-kont tad-dawl u l-ilma kif ukoll nofs il-kera tal-fond f'Belvedere Street, Gzira. Jiena wkoll minn jeddi nhallas ghall-medicini tat-tfal billi t-tifel Lyonn ghandu bzonn rikorrenti ta' medicini kif ukoll meta nkun nista' nixtri l-hwejjeg li t-tfal ikollhom bzonn. Fil-fatt jiena nfittex li mill-ftit hafna li jifdalli mill-paga tieghi li tlahhaq l-ammont ta' circa mitejn u erbgha u tmenin lira Maltin (Lm284) fix-xahar, infaddal xi*

*haga sabiex minn dak li nkun faddalt nikkontribwixxi ghall-hwejjeg tat-tfal u l-medicini. Meta nnaqqas mitt lira mill-paga jifdalli mija u erbgha u tmenin lira Maltin (Lm184) li minnhom irrid nixtri l-ikel ghalija, il-parti tieghi mill-kirja, id-dawl u l-ilma, il-kont tat-telefon u l-medicini tat-tifel kif ukoll il-manutenzjoni rikorrenti tad-dar, jifdalli bejn wiehed u iehor ghoxrin lira (Lm20) fix-xahar bhala tfaddil. Jiena kapricci m'ghandix, la npejjep, la mmur f'xi kazin jew bar, u l-karozza nuzaha biss mid-dar ghax-xoghol u lura."*

**<u>(ii) Principji Legali u apprezzament tal-provi.</u>**

Illi skond **l-artikolu 7 (1) tal-Kap 16** jinghad li:-

*"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodici*."

Illi skond l-**artikolu 20 tal-Kap. 16** jinghad li :-

*"(1) Il-manteniment ghandu jinghata skond il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min ghandu jaghtih.*

*(2) Fl-istharrig sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalghu xort'ohra, ghandu jittiehed qies ukoll tal-hila tieghu fl-ezercizzju ta' xi professjoni, arti jew sengha.*

*(3) Meta jitqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat ghall-manteniment, ghandu jinghad biss il-qligh tieghu mix-xoghol tal-professjoni, arti jew sengha, s-salarju jew il-pensjoni tieghu moghtija mill-Gvern jew minn haddiehor, u ta' l-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli.*

*(4) Ma jitqiesx li ghandu mezzi bizzejjed biex jaghti l-manteniment min ma jistax jaghtih hlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jitqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, ghandu jittiehed ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli."*

Illi huwa ovvju li kif ghandha tkun tali kontribuzzjoni minn kull wiehed mill-genituri, tvarja minn kaz ghal kaz, u hafna jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bzonnijiet tal-istess minuri, pero’ xorta jibqghu veljanti u skjetti l-principji li jirregolaw l-istess dmirijiet u obbligazzjonijiet tal-genituri *verso* l-istess ulied, specjalment ghall-manteniment tal-istess fit-termini preskritti fl-**artikolu 19 (1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16**, li ghalhekk jinkludu kontribuzzjoni ghall-ikel, ilbies, sahha u abitazzjoni u spejjez mehtiega ghall-istess sahha u ghall-edukazzjoni taghhom u skond il-bilanc bejn il-bzonn u l-mezzi, kkalkulati *ai termini* tas-**sub-artikoli** tal-istess **artikolu 20**.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attrici qed tikkontribxixxi ghall-manteniment ta’ l-istess minuri fil-waqt lli l-konvenut huwa mpjegat mid-Dipartiment tad-Dwana u ghandu qliegh nett, ammess minnu ta’ Lm284 fix-xahar li minnhom ihallas lil martu li minnu hija legalment separata, is-somma ta’ Lm97.75 u b’hekk jibqaghlu f’idejh l-ammont ta’ Lm186.25 fix-xahar li bihom irid jghix huwa wkoll kif spjega fl-affidavit tieghu a fol. 30 tal-process. Skond huwa bl-ispejjez li ghandu, jibqaghlu madwar Lm20 fix-xahar, ghalkemm kif ghamel dan il-kalkolu ma jirrizultax li gie pprezentat.

Illi ghalhekk fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li fil-limitazzjoni li hemm dwar l-introjtu tal-konvenut, xorta wahda huwa obbligat li jissoministra manteniment ghall-istess minuri, u wkoll ghandu bizzejjed sabiex jaghti kontribut anke jekk zghir ghall-manteniment tal-istess uliedu mertu tal-kawza odjerna u ghalhekk fic-cirkostanzi u *arbitro boni viri* qed tiffissa l-kontribuzzjoni li l-konvenut ghandu jivversa lill-attrici bhala manteniment minnu ghall-istess uliedu fl-ammont ta’ tletin lira (Lm30) fix-xahar, li ghandhom jinqatghu mill-*employer* tal-konvenut direttament mill-paga tal-istess konvenut u jintbaghtu direttament lill-attrici fir-residenza taghha bhala manteniment tal-istess minuri Lyonn Marquette u Aidan Marquette, u dan b’effett mid-data ta’ din is-sentenza u jithallsu kull xahar bil-quddiem.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma' dak hawn premess u deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli bhala l-missier sabiex jivversa retta alimentari versu l-minuri wliedu Lyonn u Aidan, ahwa Marquette;

2. Tiffissa r-retta alimentari illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat li jhallas lill-attrici bhala kuratrici *ad litem* tal-istess minuri u bhala manteniment tal-istess minuri fl-ammont ta' tletin lira (Lm30) fix-xahar, u dan b'effett mid-data ta' din is-sentenza, u li dan l-ammont jithallas mill-konvenut kull xahar bil-quddiem kif ser jigi hawn indikat.

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici dik ir-retta alimentari fl-ammont ta' tletin lira (Lm30) fix-xahar, u dan b'effett mid-data ta' din is-sentenza u li jithallsu mill-konvenut kull xahar bil-quddiem fir-residenza tal-istess attrici kif hawn qed jigi ordnat.

4. Tordna li tali ammont ta' manteniment ghall-istess minuri dovuti mill-konvenut *ai termini* ta' din is-sentenza ghandhom jinqatghu mill-*employer* tal-konvenut u l-Kontrollur jew Direttur tad-Dwana direttament mill-paga tal-istess konvenut u jintbaghtu direttament lill-attrici fir-residenza taghha bhala manteniment tal-istess minuri Lyonn Marquette u Aidan Marquette, u dan b'effett mid-data ta' din is-sentenza u jithallsu kull xahar bil-quddiem, u l-Qorti tordna li kopja legali ta' din is-sentenza tigi notifika a spejjez attrici lill-*employer* tal-konvenut sabiex l-istess *employer* jaderixxi ruhu mal-istess.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------